II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/222

tal-1 ta' Diċembru 2022

dwar is-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini kollha ta' Vanuatu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa ([1]), u b'mod partikolari il-punt (b) tal-Artikolu 8(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Repubblika ta' Vanuatu hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 fost il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti mir-rekwiżit li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri għal soġġorni ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. L-eżenzjoni mir-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' Vanuatu ilha applikabbli mit-28 ta' Mejju 2015, meta l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ([2]) ("il-Ftehim") ġie ffirmat u beda japplika fuq bażi proviżorja f'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Ftehim. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2017.

(2) Mill-25 ta' Mejju 2015, Vanuatu ilu jopera skemi ta' ċittadinanza b'investiment li permezz tagħhom ċittadini ta' pajjiżi terzi li b'xi mod ieħor jenħtieġu viża għandhom il-possibbiltà li jiksbu ċ-ċittadinanza ta' Vanuatu bi skambju għal investiment, b'tali mod li jiksbu aċċess mingħajr viża għall-Unjoni.

(3) Ġie derivat minn *data*, rapporti u statistiċi rilevanti, u abbażi ta' informazzjoni konkreta u affidabbli ([3]) li l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment ta' Vanuatu, fil-forma u l-operat attwali tagħhom, imorru kontra l-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi, li tipprevedi skrinjar ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li għandhom bżonn ta' viża skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u f'leġiżlazzjoni nazzjonali ekwivalenti ta' dawk l-Istati Membri fejn ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 għadu ma japplikax għalkollox. Il-mod li bih l-iskemi msemmija qed jiġu implimentati jikkostitwixxi ċirkomvenzjoni tal-proċedura tal-viża għal soġġorn qasir tal-Unjoni u l-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u l-migrazzjoni li tinvolvi.

(4) F'konformità mal-Artikolu 8(2)(d), 8(3) u 8(6) tar-Regolament (UE) 2018/1806, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għoti taċ-ċittadinanza minn Vanuatu skont l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment tiegħu jikkostitwixxi riskju akbar għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39.
([2]) ĠU L 173, 3.7.2015, p. 48.
([3]) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir (COM/2022/6 final), il-premessi 5-12.
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

(5) Fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/366 ([5]) dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir, f'konformità mal-Artikolu 8(4) tal-Ftehim. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim hija limitata għall-passaporti ordinarji maħruġa mill-25 ta' Mejju 2015 'il quddiem, meta l-għadd ta' applikanti aċċettati fl-ambitu tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment ta' Vanuatu beda jiżdied b'mod sinifikanti.

(6) Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/693 ([6]) dwar is-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini ta' Vanuatu, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2018/1806. Il-perjodu ta' sospensjoni japplika mill-4 ta' Mejju 2022 sat-3 ta' Frar 2023.

(7) Wara d-dħul fis-seħħ tas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għall-kategorija msemmija iktar 'il fuq għaċ-ċittadini ta' Vanuatu fl-4 ta' Mejju 2022, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(6)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1806, fit-12 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni stabbiliet djalogu msaħħaħ ma' Vanuatu, bl-għan li tirrimedja għaċ-ċirkostanzi li wasslu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża.

(8) Fl-ewwel laqgħa organizzata fil-kuntest tad-djalogu msaħħaħ, fit-12 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni esprimiet ir-rieda tagħha li ssib soluzzjoni u, għal dan l-għan, ipproponiet li jsiru laqgħat tekniċi ta' kull xahar. Il-partijiet qablu li l-awtoritajiet ta' Vanuatu jaħtru interlokutur u jikkomunika b'dan dan lill-Kummissjoni, sabiex jipproċedu bil-laqgħat tekniċi sussegwenti. Vanuatu informa lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tal-Gvern ta' Vanuatu li jistabbilixxi Task Force biex tirrieżamina l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment. Ġie miftiehem li l-awtoritajiet ta' Vanuatu jibagħtu lill-Kummissjoni rapport ta' progress imħejji mit-Task Force.

(9) Madankollu, Vanuatu sussegwentement ma kienx involut b'mod sinifikanti. Sal-lum, l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment ta' Vanuatu għadhom joperaw. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni mill-awtoritajiet ta' Vanuatu fir-rigward ta' azzjonijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi possibbli li għandhom l-għan li jirrimedjaw iċ-ċirkostanzi li wasslu għas-sospensjoni temporanja.

(10) Għalhekk, għadhom jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 8(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1806, jiġifieri r-riskju akbar għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-Istati Membri.

(11) Minħabba l-persistenza taċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq u n-nuqqas ta' involviment ta' Vanuatu biex jirrimedja għalihom, l-applikazzjoni tal-Ftehim ġiet sospiża fl-intier tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2198 ([7]), li thassar id-Deċiżjoni (UE) 2022/366 u tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim għaċ-ċittadini kollha ta' Vanuatu.

(12) F'konformità mal-Artikolu 8(6)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1806, minħabba l-persistenza tas-sitwazzjoni, huwa meħtieġ li jiġi adottat att delegat li jissospendi temporanjament l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal perjodu ta' 18-il xahar għaċ-ċittadini kollha ta' Vanuatu.

(13) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt B tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([8]).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/693 tas-27 ta' April 2022 dwar is-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini ta' Vanuatu (ĠU L 129, 3.5.2022, p. 18).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2198 tat-8 ta' Novembru 2022 dwar is-sospensjoni intera tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 292, 11.11.2022, p. 47).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

(14) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jidħlu fl-ambitu msemmi fil-punti B u C tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([9]).

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jidħlu fl-ambitu msemmi fil-punti B u C tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([10]).

(16) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhux qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([11]); għalhekk l-Irlanda mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(17) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011 rispettivament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża

Fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806, fil-punt 1 ("Stati"), ir-referenza għal "Vanuatu" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Vanuatu (*)

(*) L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini kollha ta' Vanuatu hija sospiża mill-4 ta' Frar 2023 sat-3 ta' Awwissu 2024."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-4 ta' Frar 2023 sat-3 ta' Awwissu 2024.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN